# *Errata Corrige*



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: L-isem t'hawn fuq mhuwiex it-titlu ta' xi biċċa mużika sagra jew xi marċ funebri. Huwa biss isem li jiena qed nagħti 'l-artiklu tiegħi li fih nixtieq nikkoreġi, inbiddel, inżid jew innaqqas xi ħaġa importanti minn dak li diġà ktibt. Kif tafu, fl-artiklu tiegħi 'Ballabile' tas-sena l-oħra kont ktibt fit-tul dwar Mro. Antonio Miruzzi fl-okkażjoni tal-150 anniversarju minn twelidu. Inzerta li s-sena d-dieħla wkoll, l-istess surmast ser ikun qed jagħlaq 75 sena minn mewtu. Għaldaqstant ħassejt li għandi nibqa' nżommkom aġġornati dwar ħajtu u/jew ħidmietu għax ksibt biżżejjed prova li tmeri d-data tat-twelid tiegħu li s'issa dejjem emminna li kienet il-waħda t-tajba. Ħajr b'mod speċjali lil Mons. Richard Borg B.A., Lic.D., Naxxari bħali, tal-informazzjoni li għoġbu jgħaddili wara riċerka li għamel fir-reġistru parrokkjali tal-Furjana fejn kien Arċipriet.

Kliem muftieħ: Mro. Antonio Miruzzi, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Filarmonica Nazionale 'La Valette' (Valletta), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun), Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' (Lija), Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone' (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali 'Beland' (Żejtun).



Kotba ewlenin dwar l-istorja tal-mużika Maltija bħalm' huma *Musica e Musicisti in Malta: Saggio di Ricerche ed Appunti Storici* (Livorno: *Edizioni dell' Archivio storico di Malta*: Raffaello Giusti, 1932) ta' Dr. Ulderico Rolandi, *Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u tal-Lum* (Giovanni Muscat, Malta 1951) u *Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku Nazzjonali* (DOI, Malta 1960), it-tnejn ta' Robert Mifsud Bonnici, u *The Great Maltese Composers – Historical Context, Lives, and Works* (APS Bank Ltd., Malta 2016) ta' Joseph Vella Bondin, lanqas biss isemmuh.

Jidher li l-eqdem referenza għal Mro. Antonio Miruzzi nsibuha fil-ktieb ta' Robert Mifsud Bonnici, *Ġrajja ta' Baned f'Malta u Għawdex* – l-ewwel ktieb (Giovanni Muscat, Malta **1956**) fejn isemmih b'ismu darbtejn: f'paġna 62 bħala l-'veteran Mro. Anton Miruzzi', u f'paġna 64, fejn jgħid li fil-każin tal-Banda Ġużeppina Ħamruniża hemm ritratt kbir 'magħmul minn 75 bandisti bl-uniformi b'Mro. Anton Miruzzi, ta' kobor ma hawnx ieħor bħalu, xogħol fotografiku ta' sengħa kbira tal-imsemmi fotografu J. Cassar tal-Ħamrun.' Fi ktejjeb ieħor li kien ħareġ fl-**1964** għall-okkażjoni tal-Ġublew tad-Djamanti tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp tal-Ħamrun (1889–1964)[1], Joseph Mifsud Matrenza[2] (1918-2013), l-istorjografu ewlieni ta' dis-Soċjetà Mużikali, kien kiteb artiklu twil

[1] Il-ktejjeb kien ġie stampat f'Paks Press, 14 Eldorado Street, Ħamrun.
[2] Twieled il-Ħamrun minn Anthony u Karmena. Daħal jgħallem fl-iskola primarja tal-Ħamrun fl-1938 wara kors sħiħ fis-*Central School* tal-Belt Valletta. Fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija nqabad suldat bil-lieva u daħal jaħdem mar-*Royal Army Medical Corps* (RAMC), fejn spiċċa fir-rank ta' surġent. Kien dilettant ħafna tal-isport u lagħab mat-tim tal-*Under 18* tal-*Ħamrun United*. Kien hu wkoll li għaqqad l-istess tim mal-*Ħamrun Spartans*, li tiegħu serva bħala Viċi-President. Kien wieħed minn ta' quddiem li rriforma l-*Malta Union of Teachers* fl-1947, u li dam iservi fil-kunsill tagħha għal erba' snin. Ir-rabta ta' Joseph mas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp tal-Ħamrun tmur lura sa ftit qabel it-Tieni Gwerra Dinjija meta flimkien ma' sħabu

fuqu li jġib l-isem ta' *Is-Soċjetà Filarmonika 'San Ġużepp', Ħamrun: Ħamsa u Sebgħin Sena Ħajja*. Iżda, għad li Mifsud Matrenza kien jafu personalment, għax spiss kien jieqaf ikellmu dwar il-ħajja mużikali tiegħu, ma jsemmi xejn dwar id-data li fiha twieled.

Min-naħa tiegħu, Mro. Michael Angelo Chircop ukoll kien kiteb artiklu mimli tagħrif fuq Miruzzi li kien deher fil-ħarġa ta' *In-Nazzjon Tagħna*, tas-26 ta' Jannar **1972** bl-isem ta' *Tifkira tas-Surmast A. Miruzzi*. Iżda, għad li dal-artiklu kien frott ta' intervista li Chircop kien għamel lil bint is-Surmast, żbalja meta niżżel id-data tal-10 t'Ottubru bħala l-jum li fih kien twieled Miruzzi. Mhux hekk biss, talli fl-istess artiklu Chircop kompla jżejjen l-affari billi jgħid li: 'Fil-ħajja ta' Miruzzi nsibu koinċidenza ma' surmast kbir Taljan, Giuseppe Verdi. Dawn it-tnejn twieldu fl-10 ta' Ottubru, però Miruzzi fl-1867 (54 sena wara Verdi)'.

Ħafna snin aktar wara, Mifsud Matrenza kien ħa l-inkarigu monumentali li jikkompila ġrajjet dis-Soċjetà billi jiġbor l-informazzjoni kollha possibli u jiġborha fi ktieb fl-okkażjoni taċ-ċentinarju mit-twaqqif tagħha – 1889-1989. Din kienet l-ewwel darba li dis-Soċjetà mużikali qatt ħarġet ktieb storiku mimli bil-ġrajjiet glorjużi tagħha. Iżda sfortunatament għal darb' oħra fil-kitba tiegħu, l-awtur la jsemmi d-data tat-twelid u lanqas tal-mewt ta' Miruzzi meta ġie biex jikteb il-bijografija tiegħu. Ta' min jgħid, li Miruzzi kien ġa ilu mejjet għoxrin sena meta nkiteb il-ktieb taċ-ċentinarju.


Imwieled/da Floriana Malta
Born at
f' 10th March 1867
on the

Jerġa' ħafna snin aktar wara, l-istess Mifsud Matrenza kien kiteb artiklu twil ieħor, *Maestro Antonio Miruzzi: mill-Arkivju tas-Soċjetà*, li kien deher fil-ktieb tal-festa ta' San Gejtanu **1994**, pp. 235–247, u li fih jagħtina saħansitra data ħażina meta jgħid li Miruzzi twieled fis-sena 1866. Tajjeb ngħidu li din kienet l-ewwel darba li Mifsud Matrenza ġab id-data (żbaljata) tat-twelid ta' Miruzzi f'artiklu tiegħu fl-okkażjoni tal-ħamsin sena minn mewt il-kompożitur. Sentejn biss wara, Joseph C. Camilleri, fl-artiklu tiegħu, *Is-Surmast Antonio Miruzzi*, li kien deher fil-ħarġa ta' *In-Nazzjon* tat-Tlieta, 20 ta' Frar **1996**, p. 22, ta l-istess data ħażina meta ħa l-informazzjoni żbaljata mingħand Mifsud Matrenza. Xi tagħrif dwar Miruzzi jidher ukoll fil-ktieb tal-Kanonku John Ciarlò, *'La Valette' Soċjetà Filarmonika Nazzjonali: L-Ewwel Mitt Sena Storja* (APS Bank Ltd., Malta **1994**). Iżda fit-tagħrif mogħti minnu f'paġna 57 ma jsemmi xejn dwar id-data tat-twelid ta' Miruzzi. Minflok, jagħti biss informazzjoni dwar xi ħatra li kienet ingħatat lil Miruzzi fi ħdan dis-Soċjetà kif deskritta fil-minuti tas-Seduti tal-Kumitat (1877–1902).

Kitba oħra twila u riċerkata kemm jista' jkun fuq ħajjet u ħidmet Miruzzi nsibuha fil-ktejjeb *Erbatax-il Profil ta' Mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin* (Għawdex 1998), pp. 22–7, tal-awtur Għawdxi Grazio Anton Grech. Meta ġie biex jikteb profil ta' Miruzzi, Grech jidher li qagħad mhux ħażin fuq l-informazzjoni tal-1972 mogħtija minn Chircop, fosthom id-data tat-twelid. Iżda, għad li f'waħda min-noti li soltu jkun hemm f'qiegħ il-paġna, jikkonferma li did-data hi l-waħda korretta skont iċ-ċertifikat li kien inħariġlu mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta: Att tat-Twelid Nru. 1040/1867, ma neskludix il-fatt li bi żvista Grech tfixkel ix-xahar minħabba li kulħadd iniżżel dejjem l-10 t'Ottubru. U jekk żball isir darba, ir-reperkussjonijiet tiegħu jibqgħu. Tant hu hekk, li meta ġie biex joħroġ il-ktieb l-ieħor tiegħu, *Ġrajjiet is-*

---

l-għalliema kienu jilagħbu l-karti. Wara l-gwerra mbagħad, daħal fil-Kumitat Ċentrali u minn hemm 'il quddiem baqa' jagħti l-kontribut tiegħu bħala membru sal-1963, bl-ogħla kariga tiegħu tkun dik ta' Viċi-President. Wara din id-data huwa baqa' jservi fid-diversi kummissjonijiet. Huwa kiteb l-istorja tas-Soċjetà, kemm meta din għalqet 75 sena ħajja fl-1964, kif ukoll meta għalqet il-100 sena fl-1989. Għal dan il-ġest sabiħ min-naħa tiegħu, u għall-kontribut qawwi li ta lis-Soċjetà, Mifsud Matrenza kien nħatar bħala President Onorarju tagħha. Hu qatta' l-aħħar snin ta' ħajtu rikoverat fir-residenza San Vinċenz de Paul. Huwa jibqa' figura storika għal diversi ġenerazzjonijiet ta' Ħamruniżi li għaddew minn taħt idejh, kemm bħala għalliem, u iktar tard, assistent kap tal-iskola Dun Frans Camilleri fil-Ħamrun stess, kif ukoll bħala bniedem li ħabb b'qalbu kollha lis-Soċjetà Ġużeppina Ħamruniża sal-aħħar nifs ta' ħajtu (Referenzi: Programmi tal-festa San Gejtanu 2002, pp. 107-111, 2010, pp. 227-231, u 2013, pp. 259.)

*Soċjetà Mużikali u Filarmonika 'Leone', Għawdex: Għeluq il-150 mit-twaqqif* (Bonnici's Press, Malta **2012**), l-awtur għażel li jislet xi informazzjoni mill-ktejjeb tiegħu stess tal-1998, iżda fortunatament did-darba għażel li ma jsemmix ix-xahar li fih twieled Miruzzi. Għal min irid jaqraha, din-nota bijografika tinsab fir-Raba' Kapitlu, 1891–1900, p. 49. L-istess ġara lill-mużikoloġista Joseph Vella Bondin fil-ktieb tiegħu, *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin* (PIN, Malta **2000**), pp. 203–4, meta għażel li joqgħod wisq fuq it-tagħrif mogħti minn Grech, u qablu Chricop, meta qal li 'Miruzzi twieled il-Furjana fl-10 ta' Ottubru, 1867.'



S'issa dejjem kien magħruf ma' min hu midħla tal-baned, speċjalment dawk li tagħhom Miruzzi kien surmast, li hu twieled fix-xahar t'Ottubru. Iżda ċ-ċertifikat li nħariġli dal-aħħar mill-Parroċċa ta' San Publju tal-Furjana juri mod ieħor, fejn it-tagħrif ta' ġo fih mhux għajr estratt mill-oriġinal tar-Reġistru tal-Magħmudija, u għaldaqstant ħadd ma jista' jmerih. It-timbru fuq iċ-ċertifikat iġib id-data tat-13 ta' Settembru 2017, u hu ffirmat minn idejn l-Arċipriet. Fih insibu li Mro. Antonio Miruzzi fil-fatt twieled il-Furjana nhar l-**<u>10 ta' Marzu 1867</u>** u ġie mgħammed dakinhar stess mill-Viċi-Parroku Dun Manwel Borg fin-nuqqas Dun Ġann-Anton Vidal (ritratt tal-ġenb), it-tieni kappillan tal-Furjana. Dan ġara peress li Dun Vidal kien waqaf jamministra s-sagramenti minħabba il-mard li kien beda jtaqqlu. Infatti, minn nofs Jannar 1867 'il quddiem il-Viċi Borg daħal bħala Vigarju Kurat, bil-piż kollu li dil-kariga ġġib magħha.

Minbarra l-isem prinċipali ta' Antonio, ngħatawlu ħames ismijiet tal-magħmudija oħra: Mario, Carmel, Joseph, Saviour, u m'għandnix xi ngħidu, Publius. Huwa kien jiġi iben Joseph Miruzzi u Michaela Brincat. Grazzi għar-riċerka li għoġbu jagħmilli l-Mons. Dun Richard Borg sibna li Antonio fil-fatt kien it-tieni wild fost erbat aħwa: M(ario) Carmelo Marozzo (ħuh il-kbir) – 8 ta' Ġunju 1865; Carmel Miruzzi (sentejn iżgħar minnu) – 5 ta' Diċembru 1869; u Maria Marozzi (oħthom iż-żgħira) – 20 ta' Settembru 1871. L-erbat aħwa kollha ġew mgħammdin fl-istess jum illi fih twieldu. Dun Richard għarrafni wkoll li għalkemm M(ario) Carmelo u Maria għandhom kunjomhom imniżżel xi ftit differenti mill-kunjom kif nafuh aħna, l-ismijiet tal-ġenituri tagħhom huma l-istess bħal t'Antonio u Carmelo. Nafu wkoll, li Antonio ma tantx kien gawda 'l ommu u 'l missieru peress li dawn mithulu meta hu kien għad għandu xi sitt snin u mill-ewwel daħħluh f'Orfanatrofju l-Belt Valletta. Wisq probabbli li ħutu wkoll messhom l-istess xorti u kellhom jissieħbu f'dad-dejr għall-iltiema, speċjalment is-subien, għax Maria kienet għadha tarbija ta' xi sena u diffiċli tgħid min kien ħa l-kustodja tagħha. Li nafu żgur hu, li l-erbat aħwa kellhom liz-ziju Pawlu (2.iii.1852–6.v.1888) min-naħa tal-missier, imwieled il-Belt. Mhux magħruf jekk missieru Joseph kienx iħobb il-mużika, jew jekk kienx hemm ukoll talent mużikali fost it-tlitt aħwa l-oħra. Madankollu, nafu li Antonio kien ħa l-ewwel tagħlim mużikali mingħand zijuh stess peress li kien surmast-direttur tal-banda 'La Valette' tal-Belt Valletta bejn is-snin 1885-8, u li kien miet ukoll qasir il-għomor fl-età ta' 36 wara marda twila li kienet ħakmitu. Jista' jkun li min-naħa ta' missierhom kien hemm ukoll ċertu Domenico, li qajla nafu xi ħaġa dwaru ħlief li kien għal xi żmien qasir surmast tal-banda 'La Pace' tan-Naxxar lejn l-aħħar tas-seklu dsatax.



ĊERRTIFIKAT TAL-MAGĦMUDUJA
Certificate of Baptism

Estratt mill-original tar-Reġistru tal-Maghmudija tal-Parroċċa ta' SAN PUBLJU FLORIANA MALTA
From tha original kept at the Parish of St Publius Floriana Malta

Isem / Name: Antonio, Mario, Carmel, Joseph Saviour, Publius
Iben/bint / Son/daughter of: Joseph Miruzzi
u / and: Michaela nee Brincat
Imwieled/da / Born at: Floriana Malta
f' / on the: 10th March 1867
u mgħammed/da / and baptised: 10th March 1867
minn / by: Fr. Emanuel Borg

Niċċertifika li dan kollu jaqbel mas-sewwa
I certify that the above is true and correct

SAINT PUBLIUS PARISH CHURCH MALTA FLORIANA

Data / Date: 13.09.2017

Arċipriet/Parish Priest

**Dal-artiklu għandu mela jneħħi kull dubju dwar id-data preċiża li fiha twieled Mro. Antonio Miruzzi. Għaldaqstant, mil-lum 'il quddiem, kull min jitħajjar jikteb xi ħaġa fuq ħajtu u/jew ħidmietu għandu jniżżel dejjem dad-dati li ġejjin wara ismu: 10.iii.1867–23.x.1944.**

L-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Żwieten fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Santa Katarina li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata fiż-Żejtun, kif wkoll fl-okkażjoni tal-20 anniversarju mit-twaqqif tal-UoM JC Orchestra A.D. 1998 taħt il-bakketta tiegħi.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)